**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR6/IX/2024**

**It-Tnjen, 18 ta' Novembru, 2024 fid-09:00**

**Fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużata:**
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**6.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**6.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

6.2 Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru skużat.

## 6.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 5 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

6.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

6.3.3 Il-membru Butigieg ġibed l-attenzjoni rigward KLR 5/IX/2024 paġna numru 3 punt numru 5.4.5. Tenna li ma qalx kif hemm imniżżel iżda waqt il-laqgħa qal li l-membri tal-Partit Nazzjonalista pupazzi u mmexxija minn imneħirhom u l-membri tal-Partit Laburista jista' jkun ukoll.

6.3.4 Il-membru Debrincat qal li hu kien imsiefer u li m'avviċinah ħadd biex jagħtih direzzjoni.

6.3.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jara r-*recording* tal-laqgħa biex inkunu nafu kif sar id-diskors. Il-membri qablu.

6.3.6 Is-Sindku qal li l-insinwazzjonijiet li saru huma bla bażi u żgur li minn naħa tiegħu ma kellu ebda' direzzjoni ma x'hiex jimxi.

6.3.7 Il-membru Schembri qal li hu lanqas kellu direzzjonijiet minn terzi biex jimxi magħhom.

6.3.8 Il-membru Tabone qal li hu ma setax jissekonda l-mozzjoni peress li meta saret il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, hu kien imsiefer u ma setax jattendi. Qal ukoll li hu ma kellux direzzjonijiet biex jimxi fuqhom fuq din il-kwistjoni.

6.3. Il-minuti ġew approvati bil-premessa li jerġa jiġi rivedut punt numru 5.4.5.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.4.1.i. Is-Sindku qal li kif fil-laqgħa preċedenti ġibed l-attenzjoni tal-Viċi Sindku, hu fid-dover li jiġbed l-attenzjoni tal-membru Buttigieg fir-rigward ta' ċerti aġġettivi li ntużaw biex jiddeskrivi l-sħabu membri tal-Kunsill, li ħafna drabi dawn isiru għax min jagħmilhom iqis b'qisu u jkunu aktar jiddeskrivu lil min ikun qed jiktibhom milli għal min ikun qed jirreferi. Jekk ġibed l-attenzjoni sabiex wara l-laqgħat ma noħorġux fil-pubbliku, hekk ukoll irid jiġbed l-attenzjoni tal-membru Buttigieg, peress li dawn l-aġġettivi ħżiena lejn il-membri tal-Kunsill, huma ħżiena għal kulħadd. Dawn ma jagħmlux unur la lill-persuna li tiktibhom u lanqas lill-kariga li jkun jokkupa. Is-Sindku tenna li hu m'hu pupazz ta' ħadd. Dan dejjem urieh f'ħajtu, mexa kif kellu jimxi u kif kien fid-dmir tiegħu bħala Sindku. Jekk ma kienx hemm sekondant għall-mozzjoni, jista', kif għandu dritt li jagħmel, jerġa jressaq l-istess mozzjoni. Ġibed l-attenzjoni wkoll li l-assenza mill-laqgħa li saret fil-Ministeru għal Għawdex, ma teżonerax mid-dritt li tissekonda tali mozzjoni. Bħalma mill-lat l-ieħor, min kien preżenti fil-laqgħa ma tobligahx li jissekondaha. Is-Sindku qal li mexa kif mexa biex sa fejn hu possibli, il-Kunsill tar-Rabat jingħata s-saħħa li ħaqqu u r-rikonoxximent li jistħoqlu. L-imġieba opposta tal-membri imbagħad ma tkunx tgħin lil dan l-iskop.

ii. Il-membru Buttigieg qal li l-unur tiegħu hu li dejjem jgħid dak li jħoss u jgħid quddiem dak li jkun. Mhux bħal ma għamel is-Sindku b'ħafna għajjat meta kienu imsefrin, fejn il-Viċi Sinkdu ġabu dahru mal-ħajt. Qal li s-Sindku staqsieh tlett darbiet biex jirtira l-mozzjoni u reġa staqsieh waqt il-laqgħa għalfejn riedu jirtirha.

iii. Is-Sindku qal li ta' min iffakkar li qabel il-mozzjoni tal-membru Buttigieg kien hemm il-mozzjoni tal-Viċi Sindku. Hu ltaqa mal-Viċi Sindku u ddiskutew madwar mejda rigward l-aħjar pass li kellu jittieħed. Il-Viċi Sindku ddeċieda li jirtira l-mozzjoni. L-istess għamel mal-membru Buttigieg, għal darba, tnejn, tlieta, dejjem bil-premura li tinstab soluzzjoni madwar mejda kif dejjem sar.

iv. Il-Viċi Sindku qal li qatt ma ġie avviċinat minn ħadd fuq din il-materja għajr għal din il-laqgħa li kellu mas-Sindku.

v. Is-Sindku qal li l-Ministru kien bgħatlu filgħaxija stess fejn qallu li dak li ġara fil-laqgħa kien qisu qatt ma kien xejn u fuq din il-premessa l-affarijiet riedu jiġu riżolti madwar mejda. Kulħadd għandu l-karattru tiegħu u nsista li kull membru għandu jagħmel pass lura biex finalment naħdmu ma xulxin.

vi. Dwar it-toqba li l-membru Buttigieg ried li tingħalaq minħabba l-ġrieden, is-Sindku qal li l-Kunsill għamel rapport lis-Sanita' u ntefa t-tosku madwar il-*Housing Estate* taċ-Ċawla.

vii Il-membru Buttigieg qal li ħa jibqa jaħdem bħal ma ħadem dawn l-aħħar 18 'il sena u jrid li jibqa jirċievi r-risposti mill-Kunsill tax-xogħol li jitlob kif kien isir qabel.

viii. Is-Sindku għalaq u qal li l-kwistjoni setgħet ġiet faċilment solvuta fuq mejda.

___

6.4.2 Is-Sindku qal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) qed tagħmel *culverts* ġodda fi Triq San Duminku. Wara li jitlesta x-xogħol it-triq ser tingħata kollha bit-tarmak. Minn naħa tal-Kunsill saret talba sabiex isiru bankini ġodda mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

6.4.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kellu jieħu deċiżjoni li l-latrini ma jitħallewx iktar miftuħa bil-lejl minħabba l-vandaliżmu kbir li qed ikun hemm fihom. Dan qed jiswa mijiet ta' ewro lill-Kunsill. Qal li ġibed ukoll l-attenzjoni tal-kuntrattur peress li kellu diversi lmenti li mhux qed ikunu nodfa. Il-membru Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-latrina ta' Triq Enriko Mizzi kienet tingħlaq tard u rari jkun hemm vandaliżmu fiha peress li tinsab bieb ma' bieb mal-klabb tal-Victoria Hotspurs u tkun dejjem taħt l-għajnejn. Il-membri qablu li din tibqa tingħalaq kif kienet tingħalaq qabel, pero' l-latrini ta' Pjazza Indipendenza u ta' Triq taħt Putirjal jingħalqu dejjem bil-lejl għajr meta jkun hemm il-festi u okkażjonijiet bħall-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena u l-karnival.

6.4.4 Is-Sindku qal li ġibdulu l-attenzjoni sabiex il-Kunsill jara li ma jinħarġux permessi tal-ipparkjar f'Żona A ta' persuni li ma jgħixux ir-Rabat. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li dan il-permess jibda jinħareġ mal-liċenzja tal-karozza.

6.4.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikollu ħaddiem ġdid taħt il-'Community Work Scheme'. Il-membri qablu.

6.4.6 Il-membri ġew mgħarrfa li l-Enġinier bagħat l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji sabiex tinħareġ l-offerta għall-installazzjoni tal-kameras tas-sigurta in konnessjoni mal-iskema Finanzjarja – Komunitajiet aktar Siguri u organizzati. L-offerta ħarġet fit-12 ta' Novembru u tagħlaq fis-6 ta' Diċembru, 2024.

___

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

___

6.5 **Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

6.5.1 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali rigward SPI/SCI/8/2024 dwar Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025;

6.5.2 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward Cir AKL 2024/077 dwar il-Fun Run 2024;

6.5.3 Reġjun Għawdex rigward l-inizjattiva Milied Solidali 2024 fejn jiġu offruti ikliet fi żmien il-Milied lill-persuni li jgħixu waħedhom. Il-Kunsill għarraf lill-Parroċċi u kunventi dwar din l-iskema;

6.5.4 l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn inħareġ il-permess sabiex jinżabru s-siġar tal-ewkaliptu li jinsabu fil-bidu ta' Wied Żejta;

6.5.6 Nenad Mikic, Sindku ta' Kucevo fis-Serbia fejn stiednet grupp folk sabiex jipparteċipa fil-festival tal-folk 'Homljski Motiiv' li jiġi organizzat kull sena f'Mejju. Is-Sindku qal li l-festival ta' din is-sena kien mar il-grupp folk 'Cittadella'. Billi fil-festival organizzat mill-Aurora Folk Group li sar f'Ottubru li għadda, ipparteċipa grupp minn Kucevo, is-Sindku propona li l-Aurora Folk Group jipparteċipa fil-festival ta' Kucevo f'Mejju 2025. Il-membri qablu. Propona li bħala rappreżentanti tal-Kunsill imorru hu u l-membru Schembri. Il-preżenti qablu;

6.5.7 Joebert Galea li hu Assistent Prinċipali fl-uffiċċju tal-Kunsill. Galea hu intitolat għall-*progression* minn skala 11 għal skala10. Din kellha tingħata minn Ottubru tal-2023 hekk kif ikkonfermat ukoll mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali. Il-membri qablu;

6.5.8 'District Operations' li jamministraw il-'Community Work Scheme' rigward il-*performance bonus* tal-ħaddiema *labourers* impjegati mal-Kunsill. Il-membri approvaw il-*performance bonus* tagħhom;

6.5.9 resident fi Triq Sir Paul Boffa li aċċetta li teħel bozza ġdida mad-dar tiegħu. Għandu jinbeda l-proċess biex teħel din il-bozza;

6.5.10 resident li ssuġġerixxa li d-dwal li hemm fl-*area* tal-iskejjel sekondarji jitnaqqas peress li hu qawwi li joħloq tniġġiż bid-dawl. Il-Kunsill hu kkuppjat fil-korrispondenza li qed tintbagħat lil u mill-iskejjel fuq din il-materja;

6.5.11 Gymnpro Gymnastics fejn ressqu s-servizzi li joffru;

6.5.12 'RefabLightblue Partnership' fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jitneħħew il-*bins* il-blu li fihom jinġabru ħwejjeġ użati.

**6.6 Immaniġġjar tat-Traffiku**

6.6.1 Transport Malta (TM) ħarġet permess ta' 'Keep Clear for Ambulance & Day Care Van' quddiem ir-residenza tal-Aġenzija Sapport fi Triq it-23 t'April.

6.6.2 Rigward it-tneħħija tal-*one way* fi Triq Enriko Mizzi peress li l-klinika tal-Gvern m'għadiex f'din it-triq, il-Kunsill insista ma TM li minn fejn is-Seminarju għandu jkun hemm aċċess għar-residenti ta' l-ewwel parti ta' Triq Vajrinġa, bħal ma għandhom l-aċċess ir-residenti ta' Pjazza San Franġisk. TM irrispondiet li hi responsabilita' tal-Kunsill jekk isir dan peress li jkun kontra l-parir ta' TM. Ta' min jinnota li minn Triq Enriko Mizzi għal Pjazza San Franġisk jistgħu jidħlu l-vetturi tal-linja, it-trukk li jiġbor l-iskart, vetturi tar-residenti ta' Pjazza

San Franġisk u vetturi li jagħtu servizz. Il-Kunsill ser jistaqsi, x'qed tfisser TM meta tgħid li il-Kunsill responsabbli meta l-vetturi tar-residenti ta' l-ewwel parti ta' Triq Vajrinġa jidħlu minn Triq Enriko Mizzi.

Il-membri qablu li:-

6.6.3 għandu jerġa jiġi propost sabiex fi Triq Sette Giugno ssir *communal disabled parking bay*. Din ma saritx peress li TM kienet qalet li din it-triq mhix kummerċjali. Il-Kunsill għandu jinsisti anke'peress li hemm tlett ħwienet fosthom spiżerija;

6.6.4 jiġi rappurtat lill-TM il nqalet it-tabella tal-*un/loading bay* li kienet biswit Tiġrija Palazz u l-ħanut Grech's Lighting and Interiors;

6.6.5 jintalab il-permess ta' TM sabiex issir tabella li turi *dead end* fil-bidu ta' Triq Librerija ma' Pjazzetta fuq it-Tomba. Dan peress li turisti li jużaw *Google Maps* waqt li jkunu jsuqu qed jidħlu fi Triq Librerija bi żball u ma jkunux jistgħu joħorġu lura għax jispiċċaw fit-toroq dojoq tal-mandraġġ.

6.6.6 Tressqet korrispondenza mingħand residenta fi Triq il-Kastell li ssuġġeriet li jsiru miżuri li jnaqqsu s-sewqan eċċessiv f'din it-triq. Il-membri qablu li jittieħed il-parir ta' TM fuq x'jista' jsir bħala senjaletika ta' *speed limit*.

**6.7 *Playing Field – update***

6.7.1 Il-Perit bagħat il-punti li l-Kunsill irid jimxi magħhom sabiex jinbeda l-proċess ta' dan il-proġett. Dawn huma:-

i) il-Kunsill jivverifika l-ammont tal-bilanċ tad-'Development Planning Fund '(DPF) tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Dan diġa sar;

ii) mill-uffiċju tal-Perit jitkomplew id-*drawings* aktar fid-dettall u ser jiltaqgħu ma' espert fil-*landscaping* sabiex jiġi ddisinjat is-*soft landscaping*;

iii) malli d-*drawings* ikunu lesti l-Kunsill jista' jappunta enġinier sabiex jaħdem fuq id-dawl u s-sistemi tal-elettriku u mbagħad tibda tinħadem l-istima;

iv) fl-aħħar il-Kunsill ikun jista' japplika għall-fondi tad-DPF.

6.7.2 Il-membri qablu li l-Kunsill jimxi ma dawn il-punti.

**6.8 Proġett Pjazza Santu Wisin – *update***

6.8.1 Il-Perit bagħat il-punti li l-Kunsill irid jimxi magħhom sabiex jinbeda l-proċess ta' dan il-proġett. Dawn huma:-

i) billi l-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, il-Kunsill irid jgħarraf lill-Ministru li l-proġett ġie approvat mill-Kunsill. Dan diġa' sar.

ii) il-Perit ser jorganizza laqgħa mas-Sovrentendenza għall-Wirt Kulturali fejn ikun hemm preżenti il-Kunsill u l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar. Minn din il-laqgħa għandu jkun hemm deċiżjoni fuq il-passi li jmiss isiru;

iii) skont x'jiġi deċiż f'din il-laqgħa, jitkomplew id-*drawings* tal-Perit u l-istima tal-proġett;

iv) fl-aħħar il-Kunsill ikun jista' jorganizza l-konsultazzjoni pubblika u wara tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

6.8.2 Il-membri qablu li l-Kunsill jimxi ma dawn il-punti.

**6.9 Attivitajiet tal-Milied – *Weekend Break* u Kunċert**

6.9.1 Is-Sindku qal li l-weekend break kulturali hu *fully booked*.

6.9.2 Qal ukoll li din il-ġimgħa ser joħroġ il-poster tal-kunċert. Il-membri qablu li jitqassam avviż bieb bieb. Dan jitqassam permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill.

6.9.3 Is-Sindku ssuġġerixxa li fit-3 ta' Jannar, 2025 tiġi organizzata attivita' għat-tfal, billi jintwera l-film animat, *Moana 2*, f'Citadel Cinema. L-ispiża taċ-ċinema hi ta' €500 u tesa 167. Il-membri qablu. Ser jingħata wkoll *popcorn* lit-tfal li jattendu.

6.9.4 Il-membri qablu li l-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni u l-loġistika tal-'Kunċert tal-Milied 2024' bis-sehem ta'Chorus Urbanus. Dan ser isir fil-Bażilika ta' San Ġorġ fit-12 ta' Diċembru 2024. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €800.

6.9.5 Il-membri qablu li jinxtraw b'mhux aktar minn €300 rigali żgħar għat-tfal tal-MUSEUM.

**6.10 Offerta – Tindif ta' Toroq**

6.10.1 Tressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' din l-offerta. Il-bord sab li ż-żewġ offerenti ma kienux eliġibbli teknikament u anke' finanzjarjament.

6.10.2 Il-membri qablu li din l-offerta taqa' u tinħareġ offerta oħra.

**6.11 *Bollards* Pjazza Indipendenza**

6.11.1 L-offerta tagħlaq fit-22 ta' Novembru, 2024.

6.11.2 Il-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni ser ikunu William Sultana - Ċermen, Miriam Attard – Segretarja u l-*accountant* Daniel Galea, l-Enġinier Mario Cauchi u Fabian Galea, evalwaturi.

**6.12 Sejħa għall-Uffiċjal Eżekuttiv fuq skala 13**

6.12.1 Il-membri qablu li jinbeda l-proċess biex jiġi ngaġġat Uffiċjal Eżekuttiv fuq skala 13.

6.12.2 Il-membri qablu li l-membri tal-Bord biex isiru li-intervisti jkunu s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-membru Abela. Jekk il-membru Abela (peress li mhix preżenti) ma tkunx tista, jidħol il-membru Buttigieg. Is-Segretarju Eżekuttiv tkun is-segretarja tal-bord.

**6.13 Sejħa għall-Assistent Uffiċjal Prinċipali fuq skala 11**

6.13.1 Is-Sindku qal li l-Assistent Uffiċjal Prinċipali Galea mhux ser jibqa' jaħdem mal-Kunsill.

6.13.2 Il-membri qablu li jinbeda l-proċess sabiex jiġi ngaġġat Uffiċjal Prinċipali fuq skala 11 biex jidħol minflok Galea.

6.13.3 Il-membri qablu li l-membri tal-Bord biex isiru li-intervisti jkunu s-Sindku u l-membri Debrincat u Tabone. Is-Segretarju Eżekuttiv tkun is-segretarja tal-bord.

**6.14 *Performance Bonus***

6.14.1 Il-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-uffiċċju ġie approvat fil-massimu tiegħu.

6.14.2 Il-membru Tabone ħareġ mill-kamra waqt li kien qed jiġi diskuss il-*performance bonus* tal-Assistent Prinċipali Georgine Farrugia minħabba kunflitt ta' nteress.

**6.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

6.15.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Novembru 2024, skont dokument A anness**.**

**6.16 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

6.16.1 jinbeda l-proċess sabiex jitranġa l-ġnien ta' Qasam San Ġorġ. Dan wara li l-Perit bagħat pjanti li juri t-tibdil li jista' jsir. Billi dan il-ġnien hu devolut lill-Kunsill, irid jintalab il-permess tal-Awtorita' tal-Artijiet biex ikun jista' jsir it-tibdil;

6.16.2 jsir dawl żgħir man-niċeċ li rrestawra b'mod volontarju Frank Cassar. Dawn huma n-niċċa tal-Madonna tad-Duluri, tal-Madonna tal-Karmnu u tal-Madonna tal-Legion;

6.16.3 isiru bozoz ġodda ma' Blokk EA u Blokk EB fil-H.E. taċ-Ċawla;

6.16.4 tinġibed l-attenzjoni sabiex jiġu restawrati t-*telephone boxes* il-ħomor ta' Pjazza Indipendenza, ta' Triq taħt Putirjal u ta' quddiem l-iskola primarja l-ġdida. Saru diversi suġġerimenti ta' x'jista' jsir fihom bħal installazzjoni artistika, *defibrillator* jew librerija żgħira;

6.16.5 tinżabar il-palma ta' Triq Palma. Il-palm tal-H.E. taċ-Ċawla ser jitkompla jinżabar għal aħħar ta' Novembru minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar;

6.16.6 terġa tinġibed l-attenzjoni sabiex titkompla l-bqija tal-bankina li hemm fi Pjazzetta fuq it-Tomba. Peress li tinsab f'arterja l-bankina kienet saret mill-Gvern Ċentrali pero' saret biss fil-kantuniera u ma kinitx tkompliet;

6.16.7 jsir *dog litter bin* fi Triq Kapuċċini kantuniera ma' Triq Patri Manwel Magri;

6.16.8 jiġi rrappurtat lill-*Community Police* l-ingombru li qed jieħu żewġ parkeġġi fil-parkeġġ ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

6.16.9 jiġi propost sabiex issir magna tal-BCRS fil-H.E. taċ-Ċawla. Il-membru Debrincat ser jara fejn din tista' ssir biex ma tkunx ta' inkonvenjent għar-residenti.

6.16.10 il-Kunsill javviċina lill-Rowena Spiteri sabiex jiġu organizzati klassijiet tal-yoga;

6.16.11 jinxtraw 10 kotba *'When the Siren Wailed'* miktub minn Charles Bezzina. Dawn jiswew €15 'il wieħed;

6.16.12 il-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni u l-loġistika ta' serata korali u letterarja li ser tittella fil-Katidral fil-25 t' Jannar 2025 f'ġieħ Dun George Mercieca. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €300.

6.16.13 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li ma' San Ġorġ tal-Ħaġar ilu kien hemm bozoz tad-dawl. Il-membri qablu li dan id-dawl jerġa jsir u jkun jista' jinxtgħel mad-dawl li jkun hemm fil-festi.

6.16.14 Il-membru Schembri ssuġġerixxa li nikkuntatjaw lill-organizzaturi tal-'Malta Baroque Festival' sabiex, jekk hu vijabbli, jiġu organizzati kunċerti fir-Rabat. Il-Viċi Sindku qal li jekk ikun hemm l-ispejjeż, ikun aħjar jekk il-Kunsill jinvesti fil-'Victoria International Arts Festival' u fil-'Festival Gaulitana' li jiġu organizzati minn NGOs Rabtin. Il-membri qablu li l-

Kunsill jesplora s-suġġeriment ta' Schembri u jekk ikun hemm l-ispejjeż, il-Kunsill jikkunsidra jekk jipparteċipax jew le.

6.16.15 Il-membru Debrincat qal li l-Kunsill għandu jitlob sabiex il-Gvern Ċentrali jieħu ħsieb Triq it-Tabib Anton Tabone li hi arterja u tinsab fi stat ħażin ħafna Din kienet issemmiet lill-Ministru għal Għawdex waqt il-laqgħa li saret fl-24 ta' Settembru, 2024.

6.17 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-12:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tnejn, 30 ta' Diċembru, 2024.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |